MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1318/2002/1

**Avviz Numru 1318/02 AJD**
**Carmelo Desira**

**vs**

**Peppino Schiavone**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju 2002 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' tmien mitt lira Maltin rapprezentanti danni kawzati fil-vettura propjeta' tal-attur meta fit-12 ta' April 2002 fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun, il-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBM 392 tal-marka Volkswagen Polo, habat fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAQ 651 tal-marka Maruti propjeta' tal-attur, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluz tal-ittra ufficjali ntavolata kontestwalment mal-Avviz u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:
1. L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda htija tal-attur.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghal premess, l-attur ghandu jgib il-prova dwar id-danni.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tad-danni favur l-attur.
4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema' x-xhieda tal-attur ta' PS 1429 Eric Mangion, tal-konvenut, ta' Charles Cachia u ta' Paul Abela. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobbilistiku li sehh fit-2 ta' April 2002 fi Triq il-President Anton Buttigieg, iz-Zejtun bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAQ 651 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBM 392 misjuqa mill-konvenut. L-attur kien qed isuq fit-triq imsemmija gej mid-direzzjoni ta' Marsascala u ried idur lejn il-lemin sabiex jidhol fit-triq li taghti ghal Marsaxlokk. Huwa jghid li qabel ma beda jdur, xeghel l-'indicator' u hares kemm warajh kif ukoll qudddiemu sabiex jara humiex gejjin vetturi. Malli beda jdur u kien wasal kwai biex jidhol fit-triq ta' Marsaxlokk sema' brejk qawwi u l-konvenut, li kien qed jaqla fuq in-naha l-hazina tat-triq baqa' diehel fil-vettura tieghu. Il-konvenut jammetti li kien qed isuq b'certu velocita' u li kien qabez il-linja medjana tat-triq sabiex jaghmel il-manuvra ta' surpass. Huwa jispjega li ddecieda li jeffetwa s-sorpass stante li ra

l-vettura tal-attur miexja bil-moghod u bla eda ‘indicator’ mixghul.

Illi t-Tribunal huwa propens li jemmen il-verzjoni tal-konvenut in kwantu jirrigwarda l-‘indicator’ fil-vettura tal-attur stante illi f’materja ta’ kollizjonijiet difficilment issib sewwieq dispost li jammetti li kien qed isuq b’velocita’ eccessiva u li kien ttenta jaqbez il-linja medjana tat-triq waqt li kien qed jeffetwa manuvra ta’ surpass. Fil-fehma tat-Tribunal l-attur, jew ma xeghelx l-‘indicator’ jew altrimenti xeghelu tard wisq.

Illi r-regoli li jirregolaw ksur lejn il-lemin huma dawk indikati mir-**regolament 85 tal-Highway Code** li jipprovdi li:-

*“Well before you turn at junctions or intersections take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and when safe to do so take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn”.*

*“On turning at a junction look right, then left and right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so.*

Illi skond il-**Gibb** - ***“Trial of Motor Car Accident Cases”*** jinghad ukoll li:-

*“A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle…..making it impossible for the driver of the rear car to avoid a collision….The cut of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care”.*(p.85).

Illi l-istess awtur ikompli jghid li:-

*"It is not enough to sound the horn or give some either signal; it is also nesessary that such warning be given at the proper time and place". The signal should be given so that it will serve its purpose".*

Illi l-istess issostni l-awtur **Wilkinson** fil-ktieb tieghu ***"Road Traffic Offences"*** meta jsostni li *"the driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can that they have been understood".*

Illi konformament mal-istess gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna inkluz fis-sentenza **"Il-Pulizija vs F. Schembri".** (A.K.26 ta' Gunju 1968) li:

*"Min johrog l-indicator, ikun qed jaghti, kif huwa obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma ma jistax, sempliciment ghax hareg l-indiactor, jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghtu r-regolamenti u jaqleb ir-rule of the road favur tieghu". "Is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq, izda mhux bizzejjed biex jkun jista' jaqsam".*

*Illi fil-kaz odjern l-attur jghid li xeghel l-'indicator' u hares warajh qabel ma beda jdur. Huwa qal ukoll li kellu vizwali fit-tul minn warajh Wiehed difficilment jifhem kif seta' ghalhekk ma rax il-vettura tal-konvenut gejja minn warajh. Fil-fehma tat-Tribunal l-attur kien negligenti fis-sewqan tieghu meta huwa ttenta jeffetwa 'right hand turn' minghajr ma accerta ruhu li t-traffiku gej minn warajh fehem l-intenzjoni tieghu li jdur.,*

Illi min-naha l-ohra min ikun qed jaghmel manuvra ta' sorpass ghandu jaghmel dan b'sigurezza, u dan sal-punt li meta jigi osservat li l-*overtaking* ikun perikoluz skond *driver* prudenti li dejjem jista' jipprevedi li l-vettura li jkun qed jaqla' tista' tbiddel ir-rotta, is-sewwieq ghandu dejjem jevita li jaghmel l-istess sorpass. **("Il-Pulizija vs Manwel Mallia"** - XLIII.1001; **"Il-Pulizija vs John Ripard"** - XXXVI.749; **"Il-Pulizija vs S.A.C.J.Agius").**

Illi fuq is-suggett ta' sorpass huwa principju generali indikat fil-paragrafu 71 tal-*Highway Code* li:-

*"Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself and to others. Be specially careful at dusk and in mist, when it is more difficult to judge speed and distance".*

Illi *minn dawn ir-regoli jidher li meta wiehed jaghmel sorpass dan ghandu jiehu r-responsabilita' tal-istess manuvra tieghu, u dan ifisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista' tikkawza perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l-ohra tal-istess triq, Il-konvenut ittenta jaghmel manuvra ta' surpass f'inkrocju u ghalhekk bi ksur tar-regola tal-Highway Code hawn fuq imsemmija u di piu' fuq in-naha l-hazina tat-triq.*

*"Ir-regoli tas-sewqan qedin hemm biex jigu rispettati u kemm-il darba dawn jigi segwiti skrupolozament tigi mwarba kull possibilita' ta' incident awtomobilistiku. Meta dan jsehh il-Qorti tigi adita sabiex tiddetermina min mis-sewwieqa kien responsabbli jew, jekk ikun il-kaz, tapporzjona r-responsabbilita' fuq il-persuni nvoluti. Fir-rigward ta' incident simili ghal dak in ezami, cioe meta issehh habta waqt sorpass bil-karozza ta' quddiem qed tbiddel id-direzzjoni, insibu decizjonijiet konfliggenti izda dan ma jgrix billi d-diversi gudikanti ma jaqblux fuq il-principji li ghandhom jigu applikati, izda pjuttost minhabba li jkun hemm cirkostanzi relevanti li jvarjaw minn kaz ghal iehor. Ir-regoli enuncjati aktar-l fuq u cioe dawk li jirrizultaw fil-Highway Code, ghandhom applikazzjoni generali, izda kull tant jirrizulta li bniedem ma harisx fil-mera jew jekk hares ma ghamilx il-kalkoli korrettament. Jista' ukoll jirrizulta li wiehed jew l-iehor ma indikawx l-intenzjoni taghhom"* gjustament tghid il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'sentenza tal-**15 ta' Marzu 2002** fil-kawza fl-ismijiet '**Citadel Insurance plc vs Paul Galea' (Citaz. Nru 2576/00AJM).** Generalment f'kazijiet simili ghal dawk tal-kaz odjern ir-responsabilita' tigi apporzjonata billi s-sewwieq ta' quddiem, u cioe' dak li jkun qed jeffetwa r-'right hand turn' jigi akkollat b'zewg terzi mir-responsabilita' u s-sewwieq li jkun qed jefetwa s-sorpass b'terz izda fil-kaz odjern minhabba l-fatt li l-konvenut kien

qed jeffetwa l-manuvra ta’ surpass fuq in-naha l-hazina tat-triq, it-Tribunal jirritjeni li r-responsabilita’ ghall-incident de quo ghandha tigi apporzjonata fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet.

Illi l-konvenut ikkontesta l-quantum tad-danni reklamati mill-attur izda fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2002 l-avukat difensur tieghu iddikjara li l-kontestazzjoni kienet tirrigwarda biss l-ammont mitlub ghax-xoghol ta’ ‘labour’ u ‘spray’. Mill-fattura esibita a fol. 30 tal-proess jirrizulta li l-prezz tax-xoghol ta’ ‘panel beating’ kien jammonta ghal Lm250.00 + Lm37.50 VAT filwaqt li l-prezz tax-xoghol tal-‘ispray’ kien jammonta ghal Lm150.00 + Lm22.50 VAT. Mis-‘survey report’ tas-‘surveyor’ imqabbad mill-assikurazzjoni tal-konvenut stess jidher li l-prezz tal ‘ispray’ huwa l-istess filwaqt li l-prezz tal-‘panel beating’ huwa ta’ Lm200.00 minflok ta’ Lm250.00. Is-surveyor Charles Cauchi fix-xhieda tieghu tas-6 ta’ Novembru 2002 spjega li dawn il-prezzijiet ma kienux jinkludu VAT u qal ukoll li fis-‘survey report’ huwa kien provda ghal Lm15.00 ghal ‘rust proofing’ liema ammont m’huwiex indikat fil-fattura relattiva. Minn dan kolu jidher li l-kontestazzjoni tal-konvenut tirrigwarda biss diskrepanza ta’ Lm35.00. Fil-fehma tat-Tribunal din il-kontestazzjoni tirrazenta l-fieragh stante li certament ma jistghax jinghad li l-attur naqas mill-obbligu tieghu ta’ danneggjat li jimminimizza d-danni.

Illi mill-ircevuti esebiti mill-attur jirrizulta li d-danni fil-vettura tieghu kienu jammontaw ghal Lm784.82 ( ara ricevuta a fol. 30 u ricevuta tal-‘parts’ a fol. 16). Id-danni sofferti mill-attur qed jigu likwidati fl-ammont ta’ Lm784.82. Isegwi ghalhekk li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur nofs dan l-ammont u cioe’ is-somma ta’ tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm392.41).

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi, filwaqt li jiddikjara lill-partijiet ugwalmetn responsabbli ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza, jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu

(Lm392.41), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwlament mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------